FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

17 ta' Gunju 2015

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tielet (03) laqgha tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejhet it-Tieni (02) Laqgha tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 10 ta' Gunju 2015 fil-5.30pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Rapport Finanzjarju Jannar – Marzu 2015
10. Estimi Finanzjarji
11. Kuncert – Isle of MTV
12. Latrini Pubblici hdejn Bieb il-Bombi
13. Evalwazzjoni ta Offerti.
14. Risposta mill-Kunsill ghall-ittra tal-Awditur
15. Muzew fil-Floriana
16. Forum - Rigenerazzjoni tal-Floriana
17. Indafa fil-Floriana
18. Zona ta` Taht il-Forka.
19. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tielet (03) laqgha tas-Seba' Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Davina Sammut, il-Vici Sindku Ivan Hallett, il-Kunsillier Matthew Paris, il-Kunsillier James Aaron Ellul u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv S Flores, assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**
**L-Ambaxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh Mikaela Farrugia ma kinitx prezenti.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Davina Sammut.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tieni (02) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Matthew Paris. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.3 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.4 Il-minuti msemmija f'1.3 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier James Aaron Ellul u ssekondata mill-Vici Sindku Ivan Hallett. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti mqajjma mill-minuti.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Davina Sammut ressqet korrispondenza dwar A+ Accessibility Award fejn jigu promossi progetti li jghinu l-accessibilta' fil-lokalita'. Is-Sindku Davina Sammut issuggeriet li l-Kunsill jipproponi bandli accessibli ghall-persuni b'dizabbilta'. Il-Kunsill qabel li l-membri ghandhom jipproponu l-idejat taghhom u ghandha tittieħed decizjoni finali fil-laqgha li jmiss.

3.2 Is-Sindku Davina Sammut ressqet talba minghand il-Floriana Hockey Club fejn talbu *n-no objection* tal-Kunsill biex ikunu jistghu jitpoggew imwejjed u siggijiet quddiem il-klabb taghhom. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi kollha mill-entitajiet koncernati.

3.3 Is-Sindku Davina Sammut ressqet korrispondenza minghand is-Segretarju tal-Grupp Hidma San Publju fejn ipproponew li l-Kunsill jorganizza harga ghal Ghawdex b'mod kongunt maghhom. Il-Kunsill qabel li jilqa' t-talba u jorganizza din il-harga b'mod kongunt, bil-kundizzjonijiet generali.

3.4 Is-Sindku Davina Sammut ressqet korrispondenza minghand il-European Destinations of Excellency fejn offrew lill-Kunsill sabiex jidhol fi shubija li permezz taghha jittellghu avvenimenti li jippromwovu l-ikel tradizzjonali Malti. Il-Kunsill qabel li jilqa' l-offerta' u qabel li ghandu jipprova jintrega dan il-progettt mal-attivita' ta' Genna ta' Gonna.

3.5 Is-Sindku Davina Sammut ressqet korrispondenza minghand grupp ta' studenti Universitarji li bhala *assignment*, pproponew l-introduzzjoni ta' forma ta' *parking payment system*. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' maghhom sabiex tigi spjegata ahjar din il-proposta.

3.6 Is-Sindku Davina Sammut ghamlet riferenza ghal artiklu ricenti li deher fuq l-Orizzont asfaltar fejn kien hemm rimarkat li fejn ma jasalx Kunsill, jghin il-Gvern Centrali. Hija kompliet billi qalet li kienet ser tinzamm laqgha mal-Ministru Joe Mizzi u hegget lill-Kunsill sabiex jinghaqad u johrog b'suggerimenti li jistghu jitressqu matul din il-laqgha.

3.7 Is-Sindku Davina Sammut ressqet korrispondenza minghand il-President tal-Floriana Senior Citizens fejn ipproponew li ssir disabled parking bay quddiem il-klabb minhabba li certu membri li

ghandhom il-blue sticker qed isibu diffikulta' jsibu fejn jipparkjaw. Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa li jekk hu possibli, il-Kunsill jikkunsidra li jcekken l-ispazji ta' parkegg ezistenti sabiex ma jintilifx spazju. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li l-vici Sindku Ivan Hallett ghandu jipprocedi bil-bl-applikazzjoni ta' Transport Malta.

3.8 Il-Kunsillier Matthew Paris ghamel riferenza ghall-materja precedenti u qal li kellu talba sabiex issir disabled parking bay quddiem l-Awtorita' tad-Djar. Is-Sindku Davina Sammut fakkret li l-persuni li kellhom blue sticker setghu jipparkjaw go spazji ta' parkegg normali. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hemm ukoll disabled parking bay vicin fi Triq San Frangisk. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li ghandu jinforma lil min ghamel it-talba b'dan.

3.9 Is-Sindku Davina Sammut ressqet korrispondenza fejn il-Kunsill gie nformat b'Peter Serracino Inglott Award u saqsiet jekk il-kunsillieri kellhomx xi nominazzjonijiet. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li hu xtaq jipproponi lill-Onor. Claudio Grech tal-fondazzjoni Save a Life li kien jaghmel hafna xoghol siewi u bzonnjuz. Il-Kunsill qabel li ghandu jiccirkola l-korrispondenza u f'kaz li ma jkunx hemm iktar nominazzjonijiet, allura ghandu jinnomina lill-Onor. Claudio Grech. fondazzjoni Save a Life, imwielda mill-Onor. Claudio Grech.

3.10 Is-Sindku Davina Sammut ghamlet riferenza ghall-iskema ta' ristawr ta' postijiet storici u nformat li huma kienu marru fiz-zona proposta, dik ta madwar il-Polverista flimkien mal-Perit tal-Kunsill li ssuggerixxa li tali sit ghandu jigi ristawrat minn Heritage Malta minhabba li tigi tiswa' ammont sostanzjali ta' flus. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li xorta wahda ma setghetx issir applikazzjoni mill-Kunsill tal-Floriana skont il-kriterji tal-applikazzjoni

3.11 Is-Sindku Davina Sammut ressqet korrispondenza minghand il-GreenMT fejn ipproponew li jiccaqalqu l-bring-in sites ezistenti u jitpoggew hdejn il-garages tal-Pulizija. Huma nformaw ukoll li kienu ser jaghtu lill-Kunsill hames kontenituri li fihom jintrema' l-hgieg.

3.11.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ghalkemm ma kellux oggezzjoni li l-bring-in sites jiccaqilqu, ihoss li jekk dawn jitqeghdu hdejn il-garages tal-Pulizija kienu ser ikunu maqtughin ghalihom u 'l boghod ghar-residenti.

3.11.2 Is-Sindku Davina Sammut proponiet li l-bring-in sites jitpoggew fin-nizla tas-CID fejn hemm l-Inland Revenue Department jew vicin il-librerija.

3.11.3 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li jhoss li dawn ser ikunu 'l boghod ghar-residenti.

3.11.4 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li l-iskart riciklabbli kien jingabar darba f'gimgha hlief ghall-hgieg li kien jingabar biss darba f'xahar.

3.11.5 Il-Kunsillier Matthew Paris saqsa jekk setax isir mod li l-hgieg jingabar iktar ta' spiss.

3.11.6 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li li kien hemm bzonn li l-bring-in sites jitqeghdu f'post iktar centrali u dan biex ikunu iktar accessibli ghar-residenti.

3.11.7 Il-Vici Sindku Ivan Hallett ippropona li l-bring-in sistes jitpoggew hdejn il-MEPA, int u sejjer il-Park n' Ride. Is-Sindku Davina Sammut qalet li tahseb li f'dan is-sit kien ser jizdied l-abbuz peress li ma kinietx zona ffrekwentata.

3.11.8 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li jekk dawn jitpoggew 'il boghod, dawn kienu ser jintuzaw inqas mir-residenti u iktar minn min mhux residenti.

3.11.9 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li ghandu jsir kull sforz sabiex ir-residenti jigu nkoraggati jirriciklaw u ghalhekk rega' sostna li kien hemm bzonn li jsiru fil-vicin.

3.11.10 Il-Kunsill qabel li ghandu jcaqlaqhom temporanjament ghal tliet xhur ghal hdejn il-garages tal-Pulizija sabiex jara kif tintlaqa' r-rilokazzjoni taghhom.

3.11.11 Fir-rigward tal-konterrituri tal-hgieg offruti, il-Kunsill qabel li ghandu jpoggi wiehed hdejn is-CID u iehor hdejn il-MEPA.

3.12 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk l-operaturi tal-gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V kellhomx kontenitur fejn seta' jintrema l-hgieg. Il-Kunsill qabel li ghandu jiccekkja maghhom u f'kaz li ma kellhomx, joffrilom wiehed.

3.13 Is-Sindku Davina Sammut qalet li fic-cirkolari li ser tintbaghat dalwaqt ghandu jkun hemm imnizzel dawn il-kambjamenti sabiex ir-residenti jkunu nformati. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jikkonferma ma' Joe Attard jekk kienux ser johorgu xi cirkolari l-GreenMT.

3.14 Is-Sindku Davina Sammut ressqet talba minn resident sabiex isir poggaman mar-rampa li hemm taht il-logog hdejn il-hanut il-Bupa. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel din ir-rampa.

3.15 Is-Sindku Davina Sammut informat lill-Kunsill li kien hemm diversi talbiet minn diversi kumpaniji ghall-promotional banners.

3.15.1 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li hu jixtieq li jaghmel premessa li hu ma jaqbilx ma' dawn ir-riklami minhabba li jhoss li dawn ikerrhu l-lokalita' izda jekk dawn ser jigu approvati, allura jipproponi li l-flus li l-Kunsill idahhal minnhom ghandhom jigu investiti fuq progetti patikolari. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.15.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li fiz-zona tal-Valletta Waterfront kien hemm diga dawn ir-reklami u ghalhekk il-Kunsill seta' jikkunsidra li jzid riklami f'din iz-zona. Is-Sindku Davina Sammut qaletl li kien hemm kumpanija li talbet din iz-zona partikolari.

3.15.3 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li kien hemm bzonn li tigi riveduta l-byelaw u dan minhabba li l-prezzijiet ma kienux jaghmlu sens. Huwa qal ukoll li fil-bye-law hemm bzonn li jkun hemm kundizzjoni li tirregola l-ispecifikazzjonijiet ta' kif ghandu jkun riklam.

**Nota: 18:32 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

3.15.4 Wara li l-Kunsill iddiskuta diversi alternattivi, il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' mal-kumpaniji li urew interess jaghmlu dawn ir-riklami sabiex jara jekk jintlahaqx kompromess ta' kif jistghu jitqassmu dawn ir-riklami bejn il-kumpaniji madwar il-lokalita'.

3.15.5 Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarka li dawn ghadhom sempliciment jinghataw fuq bazi ta *first come first severed.* Il-Kunsill ghandu jiehu hsieb biss l-approvazzjoni ta siti partikolari.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsillier James Aaron Ellul informa lis-Sindku li persuna ghamlet domanda fuq il-pagna tal-Kunsill ta' Facebook fejn saqsa rigward il-progett ta' Pjazza Papa Gwanni XXIII. Is-Sindku Davina Sammut wiegbet li s'issa ma kien ghadu gie diskuss xejn u li s'issa l-Kunsill kien gie sempliciment avvicinat mill-periti fejn il-Kunsill kien wera li l-idea kienet intghogbot.

4.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk kienx hemm xi skema li fiha seta' jigi propost il-progett ta' Pjazza Papa Gwanni XXIII. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li prezentament ma kienx hemm skema li ghaliha seta' japplika dan il-progett.

**Nota: 18:37 Il-Kunsillier Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Is-Sindku Davina Sammut saqsiet jekk kienx hemm risposti minand membri prospettivi tas-sotto kumtiati. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien hemm xi risposti.

5.2 Is-Sindku Davina Sammut talbet li l-lista tigi ccirkolati lill-kunsillieri kollha sabiex ikunu jistghu jaraw min wera l-interess jerga' jifforma parti minn xi sottokumitat.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.0 Ma kien hemm l-ebda rapporti minn ufficjali tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 01-07, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Is-Sindku Davina Sammut informat lill-Kunsill li l-biljetti ghaz-zjara f'Oslo kienu ser jigu rimborsati.

7.3 Il-Kunsillier Matthew Paris nforma li hu kien ser jastjenti mill-pagamenti kollha dovuti lill-Jobbers u lill-JF Security minhabba kunflitt t'interess.

7.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsillier James Aaron Ellul, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 12722 sa 12772, bir-rizultat:

Favur: 5 (VB, JAE, DSH, IH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

7.6 Is-Sindku Davina Sammut informat lill-Kunsill bil-kwotazzjoni ghat-tiswija tal-*fence* fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V li kienet tammonta ghal €295 kull bicca. Il-Kunsill qabel li ghandu jsewwi il-hsarat.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**3/1** – *Qed titressaq proposta sabiex tigi esplorata possibilita li tigi installata coin operated telescope fi gnien KGV, jew li tkun amministrara mill-kunsill lokali Floriana, jew li tinhareg sejha ghal min huwa interessat sabiex jinstalla din it-telescope u jammistra.*

*L-idea u l-hsieb huwa li nkompli nziedu l-attrazzjonijiet fil-lokalita taghna, u mill-post indikat u grazzi ghax xenarji li hemm, din l-attrazzjoni tista tkun wahda ferm apprazzata mit-turisti, u nies lokali.*

Proponent – Matthew Paris, Sekondant – James Aaron Ellul

Datata – 2 ta' Gunju 2015

Il-Kunsillier Matthew Paris qal li l-idea kienet li jigi nstallat *telescope* fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V sabiex tizdied attrazzjoni ohra fil-gnien. Huwa qal li kien hemm zewg modi kif wiehed seta' jipprocedi u dawn kienu jew li l-Kunsill jinstalla u jopera t-telescope hu u ghalhekk ikollu johrog byelaw li tkopri l-introjtu, jew inkella johrog sejha ghall-offerti sabiex jintaghzel xi hadd li jinstalla u jamministra s-sistema kif ukoll jiehu d-dhul. Il-Kunsill qabel nem.con fil-principju u qabel li ghandu jinvestiga l-alternattivi tieghu qabel jiehu decizjoni.

---

**3/2** – *Tiġi mtella' għall-ewwel darba kampanja ~~bl-isem 'Il-Floriana qalb ta' ljun'~~. L-għan ewlieni ta' din il-kampanja huwa li niġbru somma kollettiva għall-Istrina mil-Lokal kollu. Irridu niddiskutu bejnietna is-somma li nixtiequ nilħqu. Din ukoll se sservi bħala mod kif nistgħu nikkrejaw aktar l-għaqda fil-lokal tagħna.*

*Ġa għandi pjanat kif nistgħu mmexxu din il-kampanja kemm bħala videos u kull metodu ieħor kif tista' din il-kampanja tkun suċċess u tassew tkun ta' ġid lejn dawk fil-bżonn. Kif ukoll għandna nitolbu l-għajnuna tal-President li konvint li se tgħina u għandna nfittxu wkoll forma ta' sponsors għal dan il-proġett.*

Proponent – James Aaron Ellul Sekondant – Matthew Paris

Datata – 2 ta' Gunju 2015

Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li kienet gietu l-idea li ssir gabra mill-entitajiet kollha tal-lokalita' sabiex tigi pprezentata lill-Istrina. Il-Kunsill qabel mal-proposta izda qabel li ghandu jkun hemm kambjament fl-isem tal-kampanja.

Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa li l-kampanja ghandha tigi promossa wkoll matul il-laqgha tal-forum Rigenerazzjoni tal-Floriana.

Il-Kunsillier James Aaron Ellul issuggerixxa wkoll li tintalab ghajnuna finanzjarja lill-kumpaniji kollha li jiffunzjonaw fil-lokalita'.

Il-Kunsill qabel nem con.

## 9.0 Rapport Finanzjarju Jannar – Marzu 2015

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega r-rapport finanzjarju fuq fuq sabiex ikun jista' jitressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.
9.2 Is-Segretarju Ezekuttv kompla billi qal li l-fondi dovuti minn GARDMED kienu ghadhom ma dahlux u ghalhekk ma kienx ghad fadal iktar alternattivi hlief li jsir rapport lill-PPCD. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb jirraporta.

9.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg favur l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju, u ssekondat mill-Kunsillier Matthew Paris, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB,MP,DSH,IH,JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 10.0 Estimi Finanzjarji

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li lli l-accountant tal-Kunsill kien issuggerixxa li l-ispiza tal-Kunsill titnaqqas b'€10,000 u dan sabiex ikun hemm fondi kopert mar-rekwiziti legali, kif ukoll bizzejjed ghal kontingenza.

10.2 Il-Kunsill iddiskuta l-alternattivi tieghu u qabel li dawn il-fondi ghandhom jitnaqqsu mill-budget allokat ghall-arblu tal-bandiera, tkomplija tas-sular ta fuq, tnaqqis mill-allokazjoni ghall-ittrarangar tal-latrini ta hdejn Bieb il- Bombi, u parti ohra mill-manutenzjoni ta bankini u asfaltar.

## 11.0 Kuncert – Isle of MTV

11.1 Is-Sindku Davina Sammut informat lill-Kunsill bil-laqgha li kienet ser tinzamm l-ghada ma' Carina Dimech tal-Isle of MTV.

11.2 Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jissuggerixxi li, b'referenza ghall-progett iffinanzjat mill-Awtorita tat-Turzimau sabiex ipatti ghall-inkonvenjenza li tinholoq kull sena minhabba l-kuncert, jigi rrangat il-Fosos u l-bankini ta' madwaru inkluz il-fanali ornamentali u l-bollards. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

11.3 Is-Sindku ressqet ukoll is-pjanta proposta ghall-armar tal-gabbani. Il-Kunsill qabel mal-kiosks kif proposti hlief ghall-gabbana tal-ikel li tpogga vicin il-Floriana F.C. Il-Kunsill qabel li ghandu jipproponi li dan il-kiosk ikun merchandise iehor minflok wiehed tal-ikel.

11.4 Il-Kunsill qabel ukoll li matul il-laqgha ghandha tigi diskussa l-pjanta tal-mobile toilets u kif ser jitqeghdu dakinhar tal-kuncert.

## 12.0 Latrini Pubblici hdejn Bieb il-Bombi

12.1 Is-Sindku Davina Sammut ghamlet riferenza ghal dik li kien gie deciz fil-kunsill precedenti fejn kien sar qbil li jsir refurbishment tal-latrina tal-Bombi mill-Kunsill bil-kundizzjoni li l-Gvern Centrali jipprovdi attendant mal-latrini.

12.2 Is-Sindku Davina Sammut kompliet billi qalet li kienet ingiebu kwotazzjonijiet minghand

kuntrattur ghal dan ir-refurbishment li tammonta ghal €2300. Il-Kunsill approva l-kwotazzjonijiet.

12.3 Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li kellu nformazzjoni li kienet ser terga' tiftah il-gabbana li hemm magenb il-lattrina u ghalhekk jittama li permezz ta' dan, jonqos il-vandalizmu.

**Nota: 19:08 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

## 13.0 Evalwazzjoni ta' Offerti

### 13.1 Upkeeping of Soft Areas

13.1.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg favur l-approvazzjoni tal-offerta' tas-Sur Emanuel Agius fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla peress li kienet l-irhas offerta' fost l-offerti konformi amministrattivament kif ukoll teknikament, issekondata mill-Il-Vici Sindku Ivan Hallett, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB,IH,DSH,JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 13.2 Cleaning and Upkeep of gardens

13.2.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg favur l-approvazzjoni tal-offerta' tas-Sur Emanuel Agius fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla peress li kienet l-irhas offerta' fost l-offerti konformi amministrattivament kif ukoll teknikament, issekondata mill-Il-Vici Sindku Ivan Hallett, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB,IH,DSH,JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

13.2.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob is-servizzi kollha hekk kif mitluba fis-sejha hlief ghat-tindif tal-latrini tal-Bombi.

**Nota: 19:35 Il-Kunsillier Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**
**19:35 Il-Vici Sindku Ivan Hallett talab li jkun skuzat.**

## 14.0 Risposta mill-Kunsill ghall-ittra tal-Awditur

14.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-risposta ghall-ittra tal-Awditur. Il-Kunsill qabel nem.con.

14.2 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jiddispondi minn xi assi fl-inventarju li huma Fridge Freezer Whirlpool u Laptop MSI, minhabba li huma *beyond economical repair*

**Nota: 19:36 Il-Vici Sindku Ivan Hallett rega' attenda ghal-laqgha.**

14.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li punt li qam fl-ittra tal-awditur kien il-*binding* tal-minuti tal-laqghat tal-Kunsill. Huwa qal li dan kien ser jammonta ghal madwar €500. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jsir.

## 15.0 Muzew fil-Floriana

15.1 Is-Sindku Davina Sammut qalet li matul il-laqgha li nzammet mas-Sur Ray Debono Roberts kien gie diskuss dak li kien ser isir fil-muzew.

15.2 Hija kompliet billi qalet li kien hemm bzonn li l-Kunsill japprova l-ispiza ta' €1150 li tinkludi blow-ups li kienu ser jintuzaw fil-muzew. Il-Kunsill approva nem con.

## 16.0 Forum - Rigenerazzjoni tal-Floriana

16.1 Is-Sindku Davina Sammut fethet il-materja billi pproponiet li l-kunsillier responsabbli minn dan il-forum ikun il-Kunsillier Matthew Paris. Il-Kunsillier Paris accetta l-assenjazzjoni u rringrazzja tal-fiducja.

16.2 Il-Kunsillier Matthew Paris informa lill-Kunsill li kien bat l-agenda tal-laqgha tal-forum. Is-Sindku Davina Sammut ipproponiet li l-laqgha ssir fis-6pm minhabba li l-agenda kienet kemmxejn twila.

16.3 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li kellu jerga' jirrevedi l-agenda u jinforma lill-Kunsill bl-izviluppi.

## 17.0 Indafa fil-Floriana

17.1 Is-Sindku Davina Sammut qalet li l-indafa fil-Floriana kienet problema rikorrenti minkejja li kienet qed taghmel l-almu taghha sabiex is-sitwazzjoni dejjem tmur ghall-ahjar.

17.2 Hija qalet li kienet hadet l-inizjattiva li tipprintja noti qosra li jigu mpustati fil-letter boxes ta' dawk ir-residenti li jigu nnutati li hargu l-iskart taghhom filghaxija.

17.3 Is-Sindku Davina Sammut qalet ukoll li kien qed isir moniteragg tal-kenniesa li bhalissa l-ammont ta' sieghat li jahdmu. Hija pproponiet li l-Kunsill izid l-ammont ta' sieghat li ghandhom jahdmu dawn il-kenniesa minhabba li thoss li s-sieghat prezenti ma kienux bizzejjed biex ilahhqu mad-domanda. Is-Sindku Davina Sammut qalet li hi kienet tkellmet mal-kuntrattur fejn offra li l-Kunsill jibda jikri skip minghandu u bhala parti mill-ftehim hu jzid l-ammont ta' sieghat tal-kenniesa minghajr hlas zejda. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

17.4 Il-Vici Sindku Ivan Hallett saqsa jekk kienx qed isir moniteragg tas-sieghat li kienu qed jiddikjaraw li jahdmu. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dan ma setax isir minhabba li l-kenniesa jibdew f'hinijiet li matulhom ma jkunx ghadu fetah l-ufficcju tal-Kunsill.

17.5 Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li hu ma jaqbilx li l-Kunsill jaccetta firma ta' haddiem wara li jkun beda x-xoghol izda mhux ser ifittex mal-haddiema jekk tkun qed tinzamm l-indafa fil-lokalita' b'mod soddisfacenti. Il-Kunsillier James Aaron Ellul qabel mal-kumment tal-Vici Sindku.

17.6 Il-Kunsillier Matthew Paris ppropona li tigi riveduta l-iskeda tat-toroq li jitnaddfu u l-frekwenza taghhom. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li skont l-iskeda, it-toroq kollha jsiru tal-inqas darbtejn fil-gimgha.

17.7 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li kellu diversi ilmenti li kien hemm xi toroq li qatt ma kienu qed jitnaddfu. Huwa semma Triq Vilhena u Triq San Frangisk bhala ezempji. Is-Sindku Davina Sammut qalet li f'kaz li l-kunsillieri jkollhom xi ilment ghandhom jinformaw lilha jew lill-istaff sabiex ikunu jistghu jinformaw lill-kuntrattur.

17.8 Is-Sindku Davina Sammut qalet li fil-kaz ta' Triq San Frangisk, din kienet triq li dejjem ikollha l-vetturi pparkjati u ghalhekk kien hemm problema kbira biex din tinkines.

17.9 Il-Vici Sindku Ivan Hallett ssuggerixxa li l-Kunsill juza blower sabiex ikun jista' jnaddaf

taht il-vetturi. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li meta kien intuza blower fil-gnien, il-Kunsill kien ircieva hafna ilmenti fuq inkonvenjenzi li beda johloq

17.10 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li jixtieq li t-tielet kennies li ser jigi jibda jahdem hinijiet tal-ufficcju u dan kemm biex jitnaqqas l-abbuz kif ukoll biex ir-residenti jkunu jistghu jaraw prezenza ta' kenniesa fit-toroq matul il-hinijiet tal-gurnata u mhux kmieni filghodu biss. Huwa qal li dan itejjeb il-percezzjoni tar-residenti.

17.11 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-kenniesa issoltu jibdew kmieni wkoll minhabba x-xemx. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li f'dak il-kaz, fit-tliet xhur tas-Sajf il-kennies seta' jintalab jahdem split hours u cioe mit-8am sas-1pm u mill-4pm sas-7pm.

17.12 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-kuntrattur ma kienx jaghti d-dritt lill-Kunsill sabiex jiddetermina l-hinijiet tal-haddiema. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li dan l-arrangament kien wiehed ex parte mill-kuntratt u ghalhekk tali ftehim seta' jsir mal-kuntrattur.

17.13 Il-Vici Sindku Ivan Hallett issuggerixxa li l-erbgha sieghat isiru s-Sibt filghodu mis-7.30am sal-11.30am u dan anke sabiex l-ufficcju tal-Kunsill ikun miftuh.

17.14 Il-Kunsillier Matthew Paris ghamel riferenza wkoll ghall-kwotazzjoni li ngiebet rigward il-hasil ta' toroq li kienet tammonta ghal €1440 fix-xahar. Is-Sindku Davina Sammut qalet li kienet intalbet stima ohra sabiex jinhaslu biss toroq partikolari, tali spiza kienet tammonta ghal €123.90.

17.15 Il-Kunsillier James Ellul ippropona li jitnaddfu l-kantunieri u l-postijiet fejn l-iktar li jkun hemm hmieg tal-hamiem u ssuggerixxa jekk setax isir xi haga rigward din il-problema. Il-Kunsill qabel li ghandu jiffoka fuq il-problema tal-hamiem u jara jekk jistax isir xi haga.

17.16 Il-Kunsill qabel li ghalissa ghandu jibda billi jahsel biss toroq partikolari.

17.17 Il-Kunsillier James Ellul ssuggerixxa li tizdied ir-ronda tal-Pulizija bis-saqajn sabiex jitnaqqsu diversi problemi u serq. Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem mal-Korp tal-Pulizija biex jara x'jista' jsir.

17.18 Is-Sindku Davina Sammut informat lill-Kunsill b'ittra mibghuta mill-Avukat ta' Dimbros Ltd, appell ta' default notice mahruga mill-Kunsill fejn talab li l-ittra titressaq quddiem l-organu kompetenti li jara l-appell.

17.19 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ma kien hemm l-ebda bord tal-appell u li t-tender kien jghid li f'kaz li xi hadd ried jappella minn default notice, kellha tintbaghat ittra lis-Segretarju Ezekuttiv.

17.20 Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li l-Kunsill ha d-decizjoni, allura ma jaghmilx sens li jara l-appell tieghu. Huwa ppropona li Il-Kunsill jitlob id-direzzjoni tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali qabel iwiegeb. Il-Kunsill qabel.

17.21 Is-Sindku Davina Sammut informat lill-Kunsill li ricentement kien hemm kaz fejn l-oggetti ghall-kollezzjoni kienu nhargu tard u minkejja dan, il-kuntrattur kien rega dar u gabarhom xorta wahda.

17.22 Is-Sindku Davina Sammut kompliet billi qalet li f'laqgha li nzammet mal-kuntrattur, huwa kien informa li kien lest jibqa' jigbor l-iskart ta kostruzzjoni (terrapien) li jkollu il-Kunsill bil-ftehim li kien hemm qabel. Il-Kunsill qabel li allura ghandu jerga' jkompli bil-ftehim li kellu qabel.

## 18.0 Zona ta` Taht il-Forka

18.1 Is-Sindku Davina Sammut informat lill-Kunsill li l-puntuni li kien hemm taht il-Forka kienu tnehhew u s-sellum kien twahhal. Hija qalet li jidher li r-residenti kienu sodisfatti.

18.2 Is-Sindku Davina Sammut ipproponiet li jergghu jitpoggew mobile toilets taht il-Forka kif kien isir kull sena. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi u jitlon li jitqeghdu mobile toilets.

## 19.0 Aġġornament tal-laqgħa

19.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju 2015 fis-2.00pm.

Il-laqgha ntemmet fit-20.15.

Davina Sammut
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv

## Flores Svetlick J at DLG

**From:** Michaela Farrugia <michaela_farrugia@hotmail.com>
**Sent:** Sunday 12 July 2015 10:13
**To:** Flores Svetlick J at DLG; Matt Paris; vincentborg; ivanhallett@gmail.com; James Aaron Ellul
**Cc:** Davina Sammut Hili; Borg Bonaci Emmanie at DLG
**Subject:** Re: Minuti CM3

Dear Svetlick

I wish to inform you that I am unable to attend for the meeting which is going to be held on Tuesday 14th July at 2.00 pm as I am in Armagh - North Ireland doing Voluntary Work with the Sisters of Mother Theresa.

I wish to point out that I had informed you in my e-mail sent to you on the 10th of June 2015. (Please see e-mail below for your info).

Thanks and regards

Michaela

"Dear Svetlick

I wish to inform you that regarding today's meeting I will be having private lesson and I will finish the lesson at 7 so I'm sorry I will not be able to make it. Sorry but we've started the end of year exams

For the previous meeting I did not attend because the date was not correct and I was not sure when the meeting was going to be held.

I wish to inform you that for next meeting I will be able to attend.
Between the 4th and 18th July I am going to be in Ireland doing Voluntary work with a group of our school helping the Sisters of Mother Theresa.

Thanks and regards

Michaela"

> From: svetlick.j.flores@gov.mt
> To: davinasammuthili@gmail.com; ivanhallett@gmail.com;
> jamesaaronellul@gmail.com; ivanhallett@gmail.com;
> vincentborg@yahoo.com
> CC: emmanie.borg-bonaci@gov.mt; michaela_farrugia@hotmail.com
> Subject: 150515 - 02-07 - Minuti
> Date: Wed, 3 Jun 2015 05:45:38 +0000
>
> Sinjuri
>
> Minuti tal-laqgha precedent
>
> Svetlick
>